



Brussell, 26 ta' April 2022  
(OR. fr)

8452/22

ELARG 33  
COWEB 41

## EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

|          |                                                                                                                                                                                                                             |
|----------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                            |
| fi:      | 26 ta' April 2022                                                                                                                                                                                                           |
| lil:     | Delegazzjonijiet                                                                                                                                                                                                            |
| Suġġett: | Rapport speċjali Nru 1/2022 mill-Qorti tal-Awdituri: "L-appoġġ mogħti mill-UE għall-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent: minkejja l-isforzi li saru, jippersistu problemi fundamentali"<br>- Konklużjonijiet tal-Kunsill |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 1/2022 mill-Qorti tal-Awdituri: "L-appoġġ mogħti mill-UE għall-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent: minkejja l-isforzi li saru, jippersistu problemi fundamentali", adottati mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fit-22 ta' Marzu 2022.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 1/2022 tal-Qorti tal-Awdituri:****"L-appoġġ mogħti mill-UE għall-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent: minkejja l-isforzi li saru, jippersistu problemi fundamentali"**

1. Il-Kunsill jirringrazzja lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għar-Rapport Speċjali tagħha Nru 01/2022 dwar l-appoġġ mogħti mill-UE għall-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent u jieħu nota sew tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fih.
2. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar it-tkabbir u l-proċess ta' stabbilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni, b'mod partikolari dawk adottati fl-14 ta' Diċembru 2021. L-istat tad-dritt huwa valur fundamentali li fuqu hija msejsa l-UE, aspett kruċjali tat-trasformazzjoni demokratika li tinsab fil-qalba kemm tal-Proċess ta' Tkabbir kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, u l-punt ta' riferiment ewlieni li fil-konfront tiegħu jiġi vvalutat il-progress lejn is-sħubija fl-UE.
3. Il-Kunsill jinnota li l-oġġettiv tal-awditu kien li jivvaluta jekk l-appoġġ tal-UE għall-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent kienx effettiv, b'mod partikolari jekk kienx imfassal tajjeb u jekk kisibx ir-riżultati ppjanati. Għal dan il-għan, l-awdituri eżaminaw l-elementi tal-ghajjnuna tal-UE u ż-żewġ assi interdipendenti tagħha: (i) l-appoġġ finanzjarju, l-iktar taħt l-istrument għal qabel l-adeżjoni ("IPA"), u (ii) djalogu politiku u ta' politika, b'enfasi speċjali fuq il-prijoritajiet tal-UE għall-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent.
4. Il-Kunsill jinsisti dwar ir-rilevanza tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' dan l-awditu għall-avvanz ulterjuri tar-riformi fundamentali tal-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent, filwaqt li jinnota, madankollu, li l-fokus tal-eżami tal-awdituri kopra l-perjodu 2014-2020, b'mod partikolari l-appoġġ finanzjarju tal-UE pprovdut taħt l-IPA II.

5. Il-Kunsill jieħu nota sew tal-konklużjoni ġenerali tal-Qorti li, għalkemm l-azzjoni tal-UE kkontribwiet għall-implimentazzjoni tar-riformi, din kellha biss impatt ġenerali limitat fuq il-progress tar-riformi fundamentali tal-istat tad-dritt fir-reġjun, u li waħda mir-raġunijiet ewlenin għal dan hija r-rieda politika insuffiċjenti tal-awtoritajiet nazzjonali li jwettqu r-riformi meħtieġa. Il-Kunsill jinnota b'mod pożittiv ir-rikonoxximent tal-Qorti tal-kontribut tal-UE għar-riformi f'ċerti oqsma bħat-titjib tal-effiċjenza tal-ġudikatura, l-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni rilevanti, u l-promozzjoni ta' approċċ proattiv fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Madankollu, huwa jinnota bi tħassib il-konklużjoni tal-Qorti li, fil-prattika, l-appoġġ mogħti mill-UE ma kienx biżżejjed biex iwieġeb għall-problemi persistenti f'oqsma bħall-indipendenza tal-ġudikatura, il-konċentrazzjoni tal-poter, l-interferenza politika, u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni.
6. Il-Kunsill jieħu nota wkoll tal-konklużjoni mill-Qorti li l-kapaċità finanzjarja u istituzzjonali dgħajfa u n-nuqqas ta' sjieda tar-riformi huma ostakli għall-impatt u s-sostenibbiltà tal-proġetti. Il-Qorti tqis li għalkemm il-Kummissjoni u s-sħab tagħha inkarigati mill-implimentazzjoni identifikaw dawn ir-riskji, il-miżuri ta' mitigazzjoni meħuda matul il-perjodu ta' rapportar ma kinux biżżejjed. Barra minn hekk, il-Qorti tinnota li l-prerekwiżiti għall-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-proġetti ma ġewx applikati b'mod konsistenti, li l-possibbiltà li tiġi sospiża l-assistenza taħt ċerti kundizzjonijiet ġiet sfruttata biss rarament u li l-modalitajiet għall-applikazzjoni tal-kundizzjonalità politika ma kinux ċari. Skont il-Qorti, ir-riżultati tal-appoġġ tal-UE għall-azzjonijiet tas-soċjetà ċivili favur l-istat tad-dritt lanqas ma kienu biżżejjed biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-settur u ma ġewx immonitorjati mill-qrib.
7. Il-Kunsill jieħu nota tat-tweġibiet tal-Kummissjoni meħmuża mar-Rapport Speċjali Nru 1/2022 u jinnota li l-Kummissjoni aċċettat il-bieċa l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti, u diġà indirizzat uħud minnhom, fost l-oħrajn billi żiedet l-appoġġ għal-libertà u l-pluraliżmu tal-media, żiedet l-isforzi biex ittejjeb it-tfassil tal-proġetti u r-rappurtar tar-riżultati.

8. Il-Kunsill jinnota li l-awditu ma inkludiex evalwazzjoni ta' żviluppi importanti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-metodoloġija riveduta għat-tkabbir, u lanqas tal-implimentazzjoni ta' possibbiltajiet il-ġodda previsti taħt l-IPA III. Il-Kunsill jieħu nota tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti rigward l-implimentazzjoni tal-IPA III, u jissottolinja l-importanza li kwalunkwe konklużjoni u rakkomandazzjoni futura possibbli tiġi ppreżentata fi żmien meta jista' jittieħed kont tagħhom fin-negożjati dwar Regolament għal wara l-IPA III.

Il-Kunsill ifakkar li l-metodoloġija riveduta għat-tkabbir, bl-enfasi saħansitra aktar qawwija fuq ir-riformi fundamentali, għandha l-għan li tagħti haġja ġdida lill-proċess tal-adeżjoni billi tagħmlu aktar prevedibbli, aktar kredibbli, u aktar dinamiku, u soġġett għal direzzjoni politika aktar b'saħħitha, ibbażata fuq kriterji oġġettivi u kondizzjonalità pożittiva u negattiva rigoruża, u riversibbiltà. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jafferma mill-ġdid r-rieda tiegħu li jsaħħaħ din it-tmexxija politika tal-Istati Membri matul il-proċess ta' adeżjoni mal-UE, inkluż permezz taż-żamma ta' djalogu politiku regolari mas-sħab.

Il-Kunsill ifakkar ukoll li l-assistenza taħt ir-Regolament IPA III għandha tkun ibbażata kemm fuq approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni kif ukoll fuq il-prinċipju ta' sehem ġust, u tkun differenzjata fl-ambitu u l-intensità skont il-prestazzjoni tal-benefiċjarji kif ukoll skont il-ħtiġijiet tagħhom, b'attenzjoni partikolari għall-elementi fundamentali. Fil-każ ta' rigressjoni sinifikanti jew nuqqas persistenti ta' progress, l-assistenza għandha tiġi modulata kif xieraq, partikolarment it-tnaqqis proporzjonali u r-ridirezzjonar tal-fondi b'tali mod li jiġi evitat li jiddgħajjef l-appoġġ għat-titjib tad-drittijiet fundamentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, inkluż l-appoġġ għas-soċjetà ċivili u, fejn xieraq, il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali. Fejn ikun reġa' beda l-progress, l-assistenza tiġi modulata wkoll skont dan, biex isservi ta' appoġġ għal dawn l-isforzi. Għandhom jissaħħu l-kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż, fejn xieraq, bħala benefiċjarji diretti tal-assistenza.

9. Il-Kunsill għalhekk jistieden lill-Kummissjoni u, jekk le, lis-SEAE biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti li ġejjin: (1) issaħħaħ il-promozzjoni tar-riformi tal-istat tad-dritt fil-proċess tat-tkabbir, inkluż billi tistabbilixxi objettivi strateġiċi għal kull benefiċjarju; (2) tappoġġa u ssaħħaħ il-kapaċità tas-soċjetà ċivili li taħdem fuq ir-riformi tal-istat tad-dritt u l-libertà tal-media; (3) tagħmel użu sħiħ mill-possibbiltà li timmodula l-assistenza finanzjarja skont ir-Regolament IPA III; u (4) issaħħaħ ir-rappurtar u l-monitoraġġ orjentat lejn ir-risultati fejn jidħlu l-proġetti.
10. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tinformah, qabel tmiem is-sena, dwar il-progress li jkun sar fir-rigward tal-kwistjonijiet imqajma mir-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri u biex tiżgura li dawn jiġu indirizzati b'mod sistematiku.
11. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu lejn it-tkabbir, li għadu politika ewlenija tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kunsens imġedded dwar it-tkabbir approvat mill-Kunsill Ewropew fl-14 u l-15 ta' Diċembru 2006 u l-konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill. Il-Kunsill jinsisti li l-UE għadha lesta li tipprovdi assistenza u tħeġġeġ lis-sħab tal-Balkani tal-Punent biex jirdupjaw l-isforzi tagħhom u juru b'mod ċar id-determinazzjoni tagħhom li jimplimentaw riformi tal-istat tad-dritt, għall-benefiċċju tal-poplu tagħhom.

---